# Epigrammi Allegoriċi (i)

## 155. LILL-BAĦAR

Kollox għandek ġo fik, Baħar setgħani,
ġawhar u ħut u melħ, kurrenti sħan,
toroq għall-erba' rjieħ, koralli, kollox –
barra qatra ilma għal min hu għatxan.

## 156. IL-FUL

Il-budebbus xoroblu saħħtu u demmu;
ix-xita kienet skarsa, ir-rjieħ ħaqruh;
u l-ful tbaxxa mal-art, u swied u nixef –
miskin sew bħall-ħaddiem magħkus, merdugħ.

## 157. IL-ĦMAR

Tal-ħaxix wasal u l-ħmar tiegħu naħaq,
in-nies mal-karettun rasset bis-sħiħ;
il-Belt ħarġet bi ħġara tisma' lilu –
l-imsejken ta' ħmar żgħir hekk minn għalih!

## 158. IL-BALLUT U L-QARA'

Il-ballut wiled ġandra żgħira u niexfa,
għalkemm tal-boskijiet il-pampalun;
u ħdejh il-qara' żgħir mal-art jitkaxkar
iwelled rota daqs ta' karettun.

## 159. IT-TIĠIEĠA

Wara tas-snin l-eluf drat it-tiġieġa
li wliedha mhumiex tagħha iżda tas-sid;
u kull xħin tbid erħilha tqaqi u tgħidlu:
"hawn wildi l-ġdid, innegozjah kif trid!"

## 160. IL-BHEJJEM U Ż-ŻRINĠ

Il-bhejjem għażlu ż-żrinġ bħala re tagħhom,
fil-pożi u fil-kliem vojt kien jaħli ż-żmien;
'mma meta ikkritikawh: "Jien ir-Re", qallhom,
"u min jitkellem neżiljah x'imkien!"

## 161. ID-DNUB ORIĠINALI TAL-KLIEB

Naħseb, li bħall-bnedmin, tal-klieb ir-razza
kellhom 'l Eva u 'l Adam, żewġ klieb biċ-ċiera;
u d-dnub tan-nisel kien illi bexxew
ta' Eden mal-Palazz fil-kantuniera.

## 162. PAĊIK

Paċik kien kelb fidil, iħobb lil sidu,
tad-dmir, taħsbu qaddis lest għas-smewwiet;
'mma ħallih jara kelb, il-proxxmu tiegħu;
iqattgħu, 'kk ma żżommux, biċċiet biċċiet.

## 163. IL-QANFUD

Għatta ġismu bix-xewk biex ħadd ma jaqbdu;
kulħadd jitgħaxxaq bih kemm hu sabiħ,
kulħadd jixtieq iduq il-laħam tiegħu –
l-imsejken ta' qanfud hekk minn għalih!

## 164. ID-DAQQUQA

Tbid id-daqquqa f'bejta ta' ħaddieħor,
u bejta ma tagħmilx, m'għandekx għax tara;
veru għażżiena ferm din id-daqquqa,
'mma qatt u qatt ma serqet żewġ il-ġara.

## 165. IL-QATTUS U L-GARDILL

Qal il-gardill: “la tekolnix, jaħasra,
jiena sabiħ, għanjiet ngħanni ħelwin;
noqtol id-dud qerried ta’ ġewwa l-ġnejna!”
Qal il-qattus: “l-aqwa li laħmek fin!”

## 166. IL-GORILLA

Il-gorilla ġol-mera marret tħares,
u rat gorilla bla taf kif u l-għala;
“Xi kruha ta’ xadina!” fil-pront qalet,
“Alla jħarisni li kont kerha bħalha!”

## 167. L-AJKLA

F’ras il-muntanja l-ajkla qalet: “Ħdejja
kapaċi jitla’ biss beraq u ragħad!”
U hekk kif ftaħret hekk, maġenb saqajha
rat dudu żgħir jitkaxkar qalb il-blat.

## 168. IL-KELB FIDIL

Sidu miskin kien biegħu lill-ġar tiegħu,
li rabtu biex ma jmurx jiġri fit-triq;
u l-kelb fidil qata’ biex mar għand sidu
li tefgħu barra bid-daqqiet ta’ sieq.

## 169. IL-ĦMAR BIL-VJOLIN

Dejjem jgħajruh li jinħaq, jgħajruh b’leħnu;
waħħal f’rasu li jdoqq bil-kontrapont
vjolin li xtara, u għamel ħsejjes ikreh;
qalulu l’ aħjar tinħaq bħalma kont!

## 170. IL-KLIEB

Kien ilhom minn filgħodu jiġru u jaqbżu,
jinbħu u jilgħabu, ħbieb u ferħanin;
il-kok tefgħalhom għadma, u mħabba fiha
kien biss fadlilhom joqtlu lil xulxin.

## 171. L-GĦERUQ

Kulħadd iħobb il-fjuri, il-frott u l-weraq,
u jħobb iħares lejhom b'rasu 'l fuq;
'mma min iħares 'l isfel fil-ħamrija?
u min jiftakar darba fil-għeruq?

## 172. JEĦEL IL-KELB

In-nies tħobb ħafna t-tut. 'mma taħt it-tuta
hemm kelb għassies li jigdem daqs għafrid;
in-nies tobgħod il-kelb, titfagħlu l-ġebel,
u qatt ma tlissen kelma kontra s-sid.

## 173. IL-LUPU

Għex għomru kollu jisraq sabiex jiekol,
ħalliel tas-sengħa u xejn qatt ma ġalu;
issa qed jgħallem 'l ibnu l-istess sengħa,
u ferm kuntent li ibnu ħiereġ bħalu.

## 174. IL-ĦMAR U Ż-ŻRIEGĦ

Kull sena tul Settembru l-ħmar jistagħġeb
kif sidu ta' kull tant jagħmel ħmerija:
minflok ma jitma' l-qamħ lit-tjur jew lilu,
ixerrdu 'l hawn u 'l hinn fuq il-ħamrija.